Nru./No. 20,962
Prezz/Price
€0.36

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta

## The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 21 ta' Novembru, 2022
Monday, 21st November, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

## SOMMARJU — SUMMARY

Proklama tal-President ta' Malta ........ 15,797
*Proclamation by the President of Malta ........ 15,797*

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ........ 15,798
*Government Notices ........ 15,798*

Avviżi tal-Qorti ........ 15,799 - 15,800
*Court Notices ........ 15,799 - 15,800*

ANNO DOMINI 2022 NRU. XI

# Proklama

**MILL-AĠENT PRESIDENT**
**(L.S.) TA' MALTA**

(Iff.) FRANK BEZZINA
Aġent President

BILLI huwa pprovdut bl-artikolu 49 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi kull meta d-detentur tal-kariga ta' President ikun assenti minn Malta l-funzjonijiet mogħtija lilu bl-imsemmija Kostituzzjoni għandhom jiġu moqdija minn dik il-persuna li l-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kap tal-Oppożizzjoni, jista' jaħtar;

U BILLI l-President huwa assenti minn Malta;

U BILLI fl-20 ta' Novembru, 2022, il-Prim Ministru ħatarni Aġent President għal matul iż-żmien li fih il-President ikun assenti minn Malta;

U BILLI jiena ħadt u ffirmajt kif imiss il-ġurament tal-kariga kif preskritt bl-artikolu 50 tal-imsemmija Kostituzzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, FRANK BEZZINA, qiegħed hawnhekk navża u nipproklama li assumejt illum skont l-imsemmija Kostituzzjoni l-funzjonijiet ta' President ta' Malta.

Magħmula fil-Palazz ta' Sant'Anton, illum, 20 ta' Novembru, 2022.

B'Awtorità,

(Iff.) ROBERT ABELA
Prim Ministru

ANNO DOMINI 2022 NO. XI

# Proclamation

**BY THE ACTING PRESIDENT**
**(L.S.) OF MALTA**

(Sd) FRANK BEZZINA
Acting President

WHEREAS it is provided by section 49 of the Constitution of Malta that whenever the holder of the office of President is absent from Malta the functions conferred upon him by the said Constitution shall be performed by such person as the Prime Minister, after consultation with the Leader of the Opposition, may appoint;

AND WHEREAS the President is absent from Malta;

AND WHEREAS on the 20th day of November, 2022, the Prime Minister appointed me Acting President for such time as the President is absent from Malta;

AND WHEREAS I have duly taken and subscribed the oath of office as prescribed by section 50 of the said Constitution;

NOW, THEREFORE, I, FRANK BEZZINA, do hereby notify and proclaim that I have this day under the said Constitution assumed the functions of President of Malta.

Made at Sant'Anton Palace, this 20th day of November, 2022.

By Authority,

(Sd) ROBERT ABELA
Prime Minister

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 1581**

**PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT**

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru 28 imsejjaħ l-Att tal-2022 li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Numru 3).

Il-21 ta' Novembru, 2022

**Nru. 1582**

**KONSLU ONORARJU TA' MALTA F'PORTO, IL-PORTUGALL**

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Gvern ta' Malta ħatar lis-Sur Jose Pedro Ferreira de Sousa Garcia Fernandes bħala Konslu Onorarju ta' Malta f'Porto, ir-Repubblika Portugiża.

L-indirizz tal-Konsolat Onorarju huwa li gej:

Rua Nova do Seixo 79, Sra. Da Hora, 4460-383 Porto - Matosinhos, Portugal

Numru tal-telefown: +351 91 346 1395

Indirizz elettroniku: (maltaconsul.porto@gov.mt)

Il-21 ta' Novembru, 2022

**Nru. 1583**

**KONSLU ONORARJU TA' MALTA F'FARO, IL-PORTUGALL**

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Gvern ta' Malta ħatar lil Dott. Teresa Sofia Lopes Ramos Sousa bħala Konslu Onorarju ta' Malta f'Faro, ir-Repubblika Portugiża.

L-indirizz tal-Konsolat Onorarju huwa li gej:

Consulado Honorario de Malta em Faro, Av. 5 de Outubro, 28-1° Esq., 8000-076, Faro, Portugal

Numru tal-telefown: +351 289 241 571

Indirizz elettroniku: (maltaconsul.faro@gov.mt)

Il-21 ta' Novembru, 2022

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 1581**

**PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT**

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 28 entitled the Criminal Code (Amendment No. 3) Act, 2022.

21st November, 2022

**No. 1582**

**HONORARY CONSUL OF MALTA IN PORTO, PORTUGAL**

IT is hereby notified for general information that the Government of Malta has appointed Mr Jose Pedro Ferreira de Sousa Garcia Fernandes as Honorary Consul of Malta in Porto, the Portuguese Republic.

The Honorary Consulate's address is:

Rua Nova do Seixo 79, Sra. Da Hora, 4460-383 Porto - Matosinhos, Portugal

Telephone Number: +351 91 346 1395

Email: (maltaconsul.porto@gov.mt)

21st November, 2022

**No. 1583**

**HONORARY CONSUL OF MALTA IN FARO, PORTUGAL**

IT is hereby notified for general information that the Government of Malta has appointed Dr Teresa Sofia Lopes Ramos Sousa as Honorary Consul of Malta in Faro, the Portuguese Republic.

The Honorary Consulate's address is:

Consulado Honorario de Malta em Faro, Av. 5 de Outubro, 28-1° Esq., 8000-076, Faro, Portugal

Telephone Number: +351 289 241 571

Email: (maltaconsul.faro@gov.mt)

21st November, 2022

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2151

B’digriet tat-8 ta’ Novembru, 2022, mogħti mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta’ notifiki skont l-artiklu 187 (5) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12):

B’rikors preżentat fil-Qorti Ċivili, Prim’Awla, fl-4 ta’ Mejju, 2022, minn Xuereb Installations Limited bin-numru ta’ reġistrazzjoni C15321, Subbasta bin-numru 28/22 fl-ismijiet Xuereb Installations Ltd et vs Sun Island Nurseries Limited (C45327) qed jintalab il-bejgħ bl-irkant ta’:

i. Żewg porzjonijiet ta’ art imsejħa ‘Ta Buqana’ fil-kontrada Ta’ Qali, fil-limiti tar-Rabat, Malta, tal-kejl superfiċjali kumplessiv dawn iż-żewg porzjonijiet ta’ art fl-ammont ta’ ċirka 3,076.96 metru kwadru, u konfinanti ma’ xulxin stante li attigwi, mill-Punent ma’ Rabat Road, min-Nofsinhar ma’ proprjetà ta’ Ganni Fenech jew suċċessuti tiegħu fit-titolu, u mil-Lvant ma’ beni ta’ nies mhux magħrufa, bil-benifikati kollha eretti fuqhom inkluża l-barehole, kif aħjar deskritta fil-kuntratt tat-tlieta u għoxrin ta’ Mejju tas-sena elfejn u ħdax (23.5.2011) fl-atti tan-Nutar Maria Spiteri;

ii. Il-porzjon diviż ta’ art bil-benefikati li jinsabu fuqha tal-kejl superfiċjali dan il-porzjon diviż ta’ ċirka 450 metru kwadru, formanti parti mill-artijiet imsejħin ‘Ta’ Mrejnu’ fil-kontrada Tal-Palma, fil-limiti tal-Imġarr, Malta, konfinanti mil-Lvant mat-triq, mit-Tramuntana ma’ ġid ta’ Manuel Galea jew suċċessuri tiegħu fit-titolu in parti u in parti mat-triq tar-raba’, u min-Nofsinhar ma’ ġid tal-istess Galea, kif deskritta aħjar fil-kuntratt tal-ħmistax ta’ Diċembru tas-sena elfejn u ħdax (15.12.2011) fl-atti tan-Nutar Maria Spiteri.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta’ Sun Island Nurseries Limited bin-numru tar-reġistrazzjoni C45327.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 17 ta’ Novembru. 2022

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 8th November, 2022, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (5) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12):

By the application filed in the Civil Court First Hall on the 4th May, 2022, by Xuereb Installations Limited with the registration number C15321, application number 28/22 in the names Xuereb Installations Limited vs Sun Island Nurseies Ltd (C45327) it is being asked that the Court orders the sale by auction of the:

i. Two portions of land knows as ‘Ta Buqana’ in the district of Ta’ Qali, within the of limits Rabat, Malta, superfically measures these two portions of land in the approximately of around 3,076.96 square meters and bounded together as far as it activates, west by Rabat Road, south by property of Ganni Fenech or his successors in title and east by property unknown persons with all benefits erected on them including the barehole as better describe in the contract of twenty third May of the year two thousand and eleven (23.5.22) in the acts of the Notary Maria Spiteri.

ii. Divided portion of land with all the benefits erected on it superficially measures this divided portion of 450 square meters, forming part from the lands known as ‘Ta’ Mrejnu’ in the district of Tal-Palma, in the limits of Mġarr, Malta, bounded on the east by road, north by property of Manuel Galea or his successors in title in part and in part by land and south by property of the said Galea, as better described in the acts of contract dated fifteen of December of the year two thousand and eleven (15.12.2011) in the acts of Notary Maria Spiteri.

The said tenement is the property of Sun Island Nurseries Limited with the registration C45327.

Registry of the Superior Courts, this Thursday 17th November, 2022

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2152

B’digriet tas-17 ta’ Novembru, 2022, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim’Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta’ notifika skont l-Artikolu 338 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Ċivili (Kap.12)

Illi b’Rikors u Ċedola ta’ Kompensazzjoni kontestwalment preżentati minn Kalkara Marina Company Limited bin-numru tar-reġistrazzjoni C49452 fl-10 ta’ Novembru, 2022,

By a Decree of the 17th November, 2022, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according the Article 338 (1) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by application and a Schedule of set-off filed contemporaneously by Kalkara Marina Company Limited with the registration number C49452 on the 10th November,

qed tintalab tpaċija tal-ammont ta' €10,000 prezz minnhom offert fil-bejgħ bl-irkant 7/21 fl-ismijiet Kalkara Marina Company Limited vs Dr Martin Fenech et noe miżmum taħt l-awtorità ta' din il-Qorti fid-9 ta' Novembru, 2022.

Skont Artiklu 338 (2) tal-Kapitlu 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettall ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u s-somom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejħa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-opożizzjoni tagħhom.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum il-Ħamis, 17 ta' Novembru, 2022

MARVIC FARRUGIA
Għar- Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

2022, the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of €10,000 following judicial sale by auction 7/21 in the names Kalkara Marina Company Limited vs Dr Martin Fenech et noe held under the authority of the said Court on the 9th November, 2022.

According to Article 338 (2) of Cap. 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation; and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale an alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Registry of the Superior Courts this Thursday, 17th November, 2022

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2153

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-15 ta' Novembru, 2022, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc (C2833) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 16 ta' Marzu, 2023, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt:

L-appartament internament immarkat bin-numru sitta (6), formanti parti minn blokk ta' flats magħruf bħala Blokk A, 'Pinto Flats', f'numru uffiċjali ħdax (11), Triq San Albert, Il-Gżira, sitwat fit-tieni sular, u li għandu in komun mal-bqija tal-blokk ta' flats oħrajn il-bieb prinċipali, l-entrata u l-indana, it-taraġ u t-tromba tat-taraġ, il-lift, il-bejt u d-drains, igawdi u huwa suġġett għal servitù skont kif joħroġ u huwa inerenti mill-pożizzjoni tiegħu, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, kif deskritt fl-atti tan-Nutar Dott. George Bonello Du Puis datat l-ewwel ta' Ġunju, elf, disa' mija, tnejn u tmenin (1.6.1982) u stmat li jiswa tliet mitt elf ewro (€300,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Galea Raymond (KI 221858M) u Galea Catherine (KI 22057M)

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 62/2021.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 18 ta' Novembru, 2022

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 15th November, 2022, on the application of Bank of Valletta plc. (C2833), Thursday, 16th March, 2023, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The apartment internally numbered six (6), forming part of block of flats known as Block A, 'Pinto Flats', in official number eleven (11), in Triq San Albert, Gżira, situated on the second floor, and which has in common with the other apartments in the block the main door, the entrance and the entrance hall, the stairs and the stairwell, the lift, the roof and the drains, enjoys from and is subject to the servitudes as resulting from and inherited from its position, with all its rights and appurtenances, as described in the acts of Notary Dr George Bonello Du Puis dated first June, one thousand, nine hundred and eighty two (1.6.1982) and is valued at three hundred thousand euro (€300,000).

The said tenement is the property of Galea Raymond (ID 221858M) and Galea Catherine (ID 22057M)

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 62/2021.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 18th November, 2022

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603